**MINUTI**

**Laqgħa tar-Reġjun Ċentru**

## Laqgħa Nru. 71/2016

Data: il-Hamis 16 ta' Ġunju 2016

Hin: 5:30p.m.

Post: Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann SGN1660

---

Preżenti:
Michael Fenech Adami – *President*
Stefan Cordina– *Viċi President*
Paul Radmilli – *Kunsillier tas-Sliema*
Anthony Dalli –*Sindku l-Iklin*
Rita Borg – *Viċi Sindku Birkirkara*
Magda Magri Naudi – *Sindku Hal Lija*
Conrad Borg Manche – *Sindku l-Gżira*
Andre' Grech – *Viċ*i Sindku *Hal Balzan*
Guido Dalli – *Sindku San Ġiljan*
Dominic Cassar – *Kunsillier San Ġwann*

Jeanette Galea – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati:
Stephen Sultana – *Sindku Santa Venera*
Keith Tanti – *Sindku tal-Pieta'*
Margaret Baldacchino Cefai – *Sindku l-Imsida*
Maximillian Zammit – *Sindku ta' Xbiex*

Assenti: *Hadd*

---

'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Gwann SGN 1660
Tel: +356 21374378 Fax: +356 21374367

# AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mill-President;
4. Korrispondenza;
5. Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report;
6. Mistoqsijiet;
7. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
8. Affarijiet Ohra;
9. Aġġornament.

# Minuti - 71/2016

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresieda.

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

**Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1** Il-minuti tas-Seduta Nru 69 li saret nhar it-Tlieta, 12 ta' April 2016, u l-minuti tal-laqgħa urġenti Nru 70 li saret nhar l-Erbgħa 25 ta' Mejju 2016 kienu meħuda bħala moqrija.

**1.2** Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi President u Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, u sekondat mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi.

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

**Punti mqajma mill-Minuti**

**2.1** Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li l-A.M.E. Health and Safety Services Ltd. ġew infurmati li ser jagħmlu prova tas-servizz li offrew lil dan ir-Reġjun. Is-Sur Mario Xuereb qed jagħmel enfasi kbira sabiex il-kliem ta' fuq kull permess li jinħareġ minn kull Kunsill Lokali li jaqa' taħt dan ir-Reġjun isir mil-aktar fis possibli. Fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss, is-Sur Xuereb ser ikun qed jippreżenta l-ewwel rapport. Dan ir-Reġjun għandu jistabbilixxi il-perjodu ta' prova għal din is-sistema.

**2.2** Is-Sur Michael Fenech Adami żied jgħid li għad hemm Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun li għadhom ma xtrawx is-sistema tal-permessi u ppropona li jekk hemm xi Kunsilli li ma għandux biżżejjed finanzi, ir-Reġjun għandu jissussidja dan il-pagament.

***5:42pm – il-Kunsillier, is-Sur Paul Radmilli, wasal għal din il-laqgħa***

---

**2.3** Kien hemm qbil unanimu bejn il-membri sabiex is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, tara liema huma dawk il-Kunsilli Lokali li għadhom mingħajr din is-sistema.

**2.4** Din l-informazzjoni għandha tiġi mressqa u diskussa fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

2.5 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti kif wara l-aħħar laqgħa tar-Reġjun, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li ser tinħareġ vakanza għal Deputat Reġistratur Skala 11 fuq bazi full time ma' dan ir-Reġjun. Din is-sejħa interna kienet miftuħa għal impjegati fi ħdan ir-Reġjun minn nhar il-Gimgħa 27 ta' Mejju sal- Ġimgħa 3 ta' Ġunju 2016. Dan ir-Reġjun irċieva applikazzjoni waħda mis-Sinjura Roberta Carabott.

2.6 Fuq proposta tas-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, sekondat mis-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, kien hemm qbil unanimu dwar dan mill-membri preżenti.

2.7 Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, għandha tinforma lid-Dipartiment għal Gvern Lokali b'din id-deċizjoni sabiex dan it-tibdil fl-iskala jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2016.

## 3. Komunikazzjoni mill-President

**Komunikazzjoni mill-President**

Il-President tar-Reġjun, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li l-ġurnata ta' qabel kien hemm laqgħa bejn is-Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjun u waqt din l-laqgħa ir-Reġjun Xlokk infurmat lill-kollegi li l-aġenzija, LESA, kienet ħafret kontravenzjonijiet li kienu ngħataw qabel Otturbu 2015.

Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, talbet lid-Datatrak sabiex joħroġ ir-rapport b'din l-informazzjoni.

Il-President kompla jispjega li fil-każ ta' dan ir-Reġjun, LESA kienet ħadet deċiżjoni fuq 155-il kontravenzjoni.

Il-Viċi President u Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina staqsa fuq liema krtierji dawn ġew magħżula.

Is-Sur Michael Fenech Adami spjega li dik ir-raġuni ma tkunx miktuba fir-rapport. U żied jgħid li ser issir laqgħa bejn il-Presidenti tar-Reġjuni flimkien mas-Segretarji Eżekuttivi.

Il-Kunsillier ta' tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli, issuġġerixxa li għandha tinkiteb ittra mir-Reġjun lil-LESA sabiex tirrevoka d-deċizzjonijiet li ttieħdu fi żmien ġimgħa. F'każ li dan ma jsirx, hu ssuġġerixxa li r-Reġjun għandu jieħu passi.

Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, qabel mas-Sur Paul Radmilli u żied jgħid li jekk l-affarijiet ma jitranġawx, dawn għandhom jinħarġu pubblikament.

Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex jingħata ċans li ssir il-laqgħa bejn il-Presidenti u s-Segretarji Eżekuttivi flimkien qabel ma ssir azzjoni.

***6:00pm – is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche wasal għal din il-laqgħa***



## 4. Korrispondenza

4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, poġġa fuq il-mejda l-email li dan ir-Reġjun irċieva mingħand il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara fejn qiegħed japplika għal proġett sabiex ikun iffinanzjat mil-fondi tal-Ewropa.

4.2 Il-Kunsill xtaq l-approvazzjoni tar-Reġjun sabiex il-fondi li ngħataw mir-Reġjun ikunu użati għal cofinancing

4.3 Is-Sur Michael Fenech Adami spjega li wieħed għandu dejjem japplika għal fond tal-Gvern fuq il-cofinansing.

4.4 Il-Kunsillier ta' tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli, spjega li l-Gvern itik 5% tal-20% u l-Kunsill ma jkolu l-ebda garanzija jekk dawn hux ser jingħatawlu. Hu żied jgħid li bħala prinċipju dawn għandu jiġi inkuraġġut għax anke il-Kunsill Lokali tiegħu jixtiequ jagħmlu dan il-proċess.

4.5 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega li hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni dwar dan. Anzi, fil-bidu tal-Presidenza tiegħu huwa kien issuġġerixxa lill-membri sabiex ir-Reġjun jiftaħ kont proprju għal dan l-iskop imma dak iż-żmien ma kienx hemm qbil fuq hekk.

4.6 Kien hemm qbil unanimu bejn il-membri preżenti sabiex is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, tikkonferma li l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara għandu biżżejjed flus sabiex tinħareġ is-somma tal-cofinancing. Jekk hemm biżżejjed flus, ir-Reġjun ma jsib l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

## 5. Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report

5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, stieden lill-accountant, is-Sur Daniel Galea, sabiex jagħti l-ispjegazzjoni tiegħu dwar l-ewwel rapport għas-sena 2016.

5. 2 L-Accountant, is-Sur Daniel Galea, spjega kif fir-rapport jidher li fl-ewwel tliet xhur ta' din is-sena, ir-Reġjun ma kellu l-ebda dħul minħabba l-pożizzjoni tal-LESA.

5.3 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, irringrazzja lis-Sur Galea tal-

ispjegazzjoni.

5.4 Dan ir-rapport gie approvat unanimament mill-membri preżenti fuq proposta tal-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, sekondat mill-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre' Grech.

5.5 Kien hemm qbil unanimu li dan ir-Reġjun m'għandux iħallas pagamenti li suppost qiegħda tħallas il-LESA sakemm ikun hemm direzzjoni ċara ta' kif ser jimxu l-affarijiet. Għandhom jitħallsu s-salarji tal-impjegati flimkien mal-kuntratti.

## 6. Mistoqsijiet

Mistoqsijiet

**6.1** Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru.

## 7. Approvazzjoni tal-Pagamenti

Approvazzjoni tal-Pagamenti

**7.1** Il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech, sekondat mill-Kunsillier ta' San Ġwann, is-Sur Dominic Cassar, ressaq mozzjoni biex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru 69. Il-mozzjoni għaddiet *nem.con*.

## 8. Affarijiet Oħra

Affarijiet Oħra

**Xejn**

# 9. Aġġornament

Aġġornament

**9.1** Il-laqgħa ntemmet fis-6:40pm u aġġornata għal nhar it-Tlieta 19 ta' Lulju 2016, fil-5:30pm.

______________________

**Michael Fenech Adami**
*President*

______________________

**Jeanette Galea**
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: **19 ta' Lulju 2016**